MINUTI

KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

LAQGĦA NUMRU DISGĦA

15 ta' Marzu, 2011

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

Skużat

Il-membru Joseph D'Amato nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħax jattendi minħabba li kien ma jiflaħx.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

Din il-laqgħa inbidlitilha l-ġurnata miftehma fuq qbil unanimu bejn il-membri kollha u fuq approvazzjoni mill-Onor. Chris Said.

9.1 *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

9.1.1 Il-minuti tas-seduta numru 8 u l-minuti tal-laqgħa annwali ġew apporvati.

*9.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson*

9.2.1 Il-membru Annetto Bugeja pprepara ittra indirizzata lill-Onor. Chris Said rigward l-atteġġjament tal-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra kellu mal-Onor. Chris Said, biex hekk kif tiġi approvata mill-istess kumitat tkun tista tintbagħat. Din id-draft tal-ittra tqassmet lil dawk preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv m'aċċettatx li tibgħat u tiffirma tali ittra minħabba l-kontenut tagħha u reġgħet tat l-ittra lura lis-Sur Annetto Bugeja.

Kien hemm qbil li għalissa din l-ittra ma tintbagħatx u ntlaqa' s-suġġerimet tal-Membru Joseph Caruana li wara li jagħddi ftit żmien il-Kumitat jerġa jitlob għal-laqgħa oħra.

*9.3 Attivita' Kulturali – 29 ta' Mejju, 2011 Tieġ Malti*

9.3.1 F'dan il-ħin kien hawn preżenti rappreżentanti mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina biex isir il-ftehim fir-rigward ta' Memo 95/2010 Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2011.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li b'referenza għall-Memo 95/2010 – Għotja ta' fondi biex issir attivita' Kulturali , il-Kumitat ser jieħu €2,000 għall-attivita' li ser jorganizza bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina li kienet stamata li ser tiswa €8,552.74 u li fl-aħħar seduta tal-Kumitat kien hemm qbil bejn il-membri kollha li b'żieda mal-€2,000 li ser jiġu mogħtija mis-Segretarjat Parlamentari, il-Kumitat Amministrattiv joħroġ l-ispejjeż ta' permessi tal-pulizija, tindif, żewġ *mobile toilets* u kiri tat-300 siġġu u mwejjed li kien hemm ikkwotat fl-istima li l-istess Kumitat inagħta mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina. Dan kollu jammonta għal mhux aktar minn €752.74.

Il-Kumitat Amministrattiv għamilha ċara li l-attivita' u l-preparamenti ta' qabel (avviżi/spejjeż/irċevuti) għandhom ikunu konformi skond il-Memo 95/2010.

Fir-rigward li d-data ser tkun l-għada tar-referendum fuq id-divorżju, kien hemm qbil li l-attivita' ssir xorta waħda minħabba li r-referendum mhux avveniment politiku

Kien hemm qbil ukoll li ftit qabel l-attivita' isir *refresh* tal-marki tat-traffiku f'Bubaqra kollha.

Ir-rappreżentanti tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina aċċettaw dak miftiehem u rringrazzjaw lill-Kumitat Amministrattiv.

### *9.4 Konfini Bubaqra -Żurrieq*

9.4.1 Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jitlob li jiġu emendati l-konfini Bubaqra-Żurrieq għal dawn ir-raġunijiet:

- ma' jkunx hemm problema ta' manutenzjoni ta' partijiet mit-toroq u mhux ta' triq sħiħa kif tinsab bħalissa
- biex deċiżjoni fuq triq tittieħed jew kollha mill-Kumitat Amministrattiv jew kollha mill-Kunsill Lokali mhux parti minn wieħed u parti minn ieħor u b'hekk ma jkunx hemm diżgwid
- f'toroq partikolari hemm persuni li għandhom ID card fuq iż-Żurrieq u fl-istess triq hemm persuni li għandhom ID Card fuq Bubaqra – fl-istess triq ir-residenti kollha għandhom ikunu konformi ma' post partikolari wieħed – jew Żurrieq jew Bubaqra.

Fuq dawn ir-raġunijiet ġiet imħejjija pjanta biex turi l-emendi mitluba. Dok 9 a

### *9.5 Ilmenti*

9.5.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq il-programm ta' attivitajiet li ser iħejji l-Kunsill Lokali nkluda l-attivita' li ser itellgħa l-Kumitat Amministrattiv fid-29 ta' Mejju, mingħajr ma ikkonsulta mal-Kumitat.

Kien hemm qbil li ċ-Chairperson jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li jekk l-attivita' tat-Tieġ Malti, tiġi inkluża fil-programm ta' Jum iż-Żurrieq, għandu jiġi ndikat li tali attivita' qed issir mill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

9.5.2 Fir-rigward tal-ittra li l-Kunsill Lokali qabel li jikteb lir-residenti ta' blokk *flats* fi Vjal l-Indipendenza (li jinsab fil-konfini ta' Bubaqra), u wara li tali sitwazzjoni ġiet diskussa mal-Onor.

Chris Said, kien hemm qbil li tali ittra tintbagħat imma f'isem il-Kumitat Amministrattiv u jiġi mistieden il-Kunsillier inkarigat mill-indafa għal-laqgħa mar-residenti.

9.5.3 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni li l-*Bring in Sites* ta' Triq Kalanġ Bugeja u ta' Triq in-Nigret, jinsabu mimlija u bl-iskart reċiklat ħiereġ minnhom.

9.5.4 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni ta' dawk preżenti li tkellem mal-persuna li riedet *reserved parking* quddiem ir-residenza tagħha u din għandha terġa tavviċina liċ-Chairperson biex tikkonferma jekk tridx li jkollha *reserved parking* for *handicapped*.

9.5.5 Il-membru Annetto Bugeja ssuġġerixxa li l-Kumitat Amministrattiv jitlob għall-iskedar ta' palazz antik li hemm f'Misraħ Santa Marija sabiex jiġi salvagwardjat il-wirt swtoriku li fih. Kien hemm qbil fuq dan.

9.5.6 Kien hemm qbil li jsiru dawn ix-xogħlijiet:
Patching fi: Triq l-Imtali, Triq l-Iskulturi Fabri
Bankina fi Triq Dun Nard Mallia
Yellow lines fil-kantunieri ta' Triq San Bastjan u Triq it-Torri ma' Triq l-Imtali.

9.5.7 Il-membru Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat fuq il-materjal li intuża fi triq li saret ftit ġranet ilu mit-TM – Triq il-Qiegħa. Kien hemm qbil li jintbagħtu r-ritratti li ħadet is-Segretarju Eżekuttiv, tal-materjal li tpoġġa fi Triq il-Qiegħa qabel ma ngħata t-tarmak, lit-TM, b'kopja lill-Ministru inkarigat fejn jiġu nfurmati li l-Kumitat Amministrattiv mhux ser ikun responsabbli għall-ħsarat li jistgħu jinqalgħu wara sentejn biss ta' garanzija mogħtija mit-TM.

Kien hemm qbil ukoll li l-Kumitat Amministrattiv jitlob lit-TM biex tagħmel ċinta madwar fejn suppost ġej il-ġnien u jitnaddaf it-terrapien u l-ħamrija li ġiet imgezza f'għalqa (propjeta privata).

Kien hemm qbil ukoll li jekk tali ġnien ma jkunx jista jsir il-Kumitat Amministrattiv jagħmel il-ħamrija u jħawwel ftit siġar u jpoġġi ftit bankijiet u xi *lamp posts*.

9.5.8 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li tinkiteb ittra lit-TM fejn jintalab li jiġi mnaddaf il-materjal ta' terrapien li l-kuntrattur li ħadem fi Triq San Bastjan (imqabbad mit-TM) tefa' f'għalqa privata. Kien hemm qbil li jekk dan ma jitnaddafx il-Kumitat jieħu l-passi neċessarji, u jnaddaf l-iskart hu a spejjeż tal-kuntrattur.

9.5.9 Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jibda joħroġ il-fuljett tiegħu u c-Chairperson talab lill-membri biex jippreparaw ir-*write up* u jagħdduha lilu bħala l-Editur tal-fuljett.

Kien hemm qbil li tali fuljett ikun fuq paġna A4 mitwija fi tnejn u kull membru inkluż iċ-Chairperson ikollhom paġna kull wieħed, minbarra l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membru Annetto Bugeja li ser ikollhom paġna maqsuma flimkien.

9.5.10 Kien hemm qbil li jinkitbu ittri lill-pulizija biex jittieħdu azzjoni fuq :

- parti mill-ħajt tat-torri ta' Bubaqra li jinsab bejn Triq it-Torri k/m Triq l-Imtali (faċċata ta' mera) qed jitmermer minn taħt bil-konsegwenza ta' xi diżgrazzja.
  fi Triq Bubaqra persuna qed tpoggi tapit irrumblat fit-triq sabiex tiġbor l-ilma tax-xita għal ġo l-ġiebja tagħha. Din il-persuna diġa ġiet avviċinata iżda tali tapit baqa ma tneħħiex.

### *9.6 Appuntament għas-seduta li jmiss*

9.6.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 11 ta' April, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

9.6.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' April, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**